



---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali  
Il-President*

---

6.3.2023

Is-Sur Dragoş Pîslaru  
President  
Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali  
BRUSSELL

Is-Sur Pascal Canfin  
President  
Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel  
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima (COM(2021)0568 – C9-0324/2021 – 2021/0206(COD))

Sinjuri Presidenti,

Bl-ittra tal-21 ta' Diċembru 2022<sup>1</sup>, inti kkonsultajt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (il-Kumitat JURI), skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' Proċedura, biex jipprovdi opinjoni dwar l-adeqgatezza tal-bażi ġuridika tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima (2021/0206(COD)).

Il-Kumitat JURI eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Frar 2023.

## **I - Sfond**

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (il-Kumitat EMPL) u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (il-Kumitat ENVI) kienu f'negozjati interistituzzjonali dwar ir-Regolament propost dwar il-Fond Soċjali għall-Klima. L-oġġettiv ġenerali tal-Fond Soċjali għall-Klima huwa li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi jindirizza l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet

---

<sup>1</sup> D(2022)42097.

serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE<sup>2</sup> dwar is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(1)(c) tat-TFUE. Fir-rapport konġunt tagħhom adottat fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kumitati EMPL u ENVI ma emendawx l-għażla tal-Kummissjoni tal-bażi ġuridika. Il-mandat adottat fil-plenarja fit-22 ta' Ġunju 2022 ħalla dawk l-elementi l-istess ukoll. Fl-Approċċ Ġenerali tiegħu, il-Kunsill żied l-Artikolu 322(1) tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika biex jipprovdi għal deroga mill-Artikolu 22(2) tat-Titolu II tar-Regolament Finanzjarju, bl-argument li dan kien meħtieġ bl-użu ta' dħul assenjat estern għall-Fond Soċjali għall-Klima. Matul in-negozjati interistituzzjonali, il-bidla tal-bażi ġuridika għall-użu tad-dħul assenjat estern ġiet miftiehma b'mod proviżorju mill-koleġislaturi. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitati ENVI u EMPL talbu b'mod konġunt lill-Kumitat JURI biex jipprovdi opinjoni dwar l-adegwatezza taż-żieda tal-Artikolu 322(1) bħala r-raba' bażi ġuridika għar-Regolament propost dwar il-Fond Soċjali għall-Klima.

## **II - L-Artikoli tat-Trattat rilevanti**

It-Titolu VI ("It-Trasport") tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE") jgħid, fost l-oħrajn, (enfasi miżjuda):

*Artikolu 91*

*(ex Artikolu 71 tat-TKE)*

**1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 90, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi partikolari tat-trasport, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jistabbilixxu:**

*(a) regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;*

*(b) il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru;*

*(c) miżuri li jtejbu s-sigurtà fit-trasport;*

***(d) provvedimenti oħra xierqa.***

**2. Fl-adozzjoni tal-miżuri previsti fil-paragrafu 1, għandu jittieħed kont tal-każijiet fejn l-applikazzjoni tagħhom taf tolqot b'mod gravi l-livell tal-għajxien u l-impjieġ f'ċerti reġjuni, kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport.**

It-Titolu XX ("Ambjent") tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn, (enfasi miżjuda):

---

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Artikolu 192  
(ex Artikolu 175 tat-TKE)

- 1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni, għandhom jiddeċiedu liema azzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni sabiex twettaq l-oġjettivi msemmija fl-Artikolu 191.**

(...)

It-Titolu XXI ("Energija") tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn, (enfasi miżjuda):

Artikolu 194

- 1. Fil-kuntest tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u b'kont meħud tal-ħtieġa ta' preservazzjoni u titjib tal-ambjent, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija għandha timmira li, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri:**

(a) tassigura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija;

(b) tassigura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni,

(c) tippromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u

(d) tippromwovi l-interkonnessjoni ta' networks tal-enerġija.

- 2. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-oġjettivi previsti fil-paragrafu 1. Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Regġuni.**

Dawn m'għandhomx jolqtu d-dritt ta' Stat Membru li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn riżorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista ta' enerġija tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 192(2)(c).

(...)

Il-Kapitolu 5 ("Dispożizzjonijiet komuni") tat-Titolu II tas-Sitt Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn, (enfasi miżjuda):

Artikolu 322  
(ex Artikolu 279 tat-TKE)

- 1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Awdituri għandhom jadottaw, permezz ta'**

**regolament:**

**(a) ir-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet;**

**(b) ir-regoli dwar il-kontroll tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji, u b'mod partikolari tal-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni u l-uffiċjali tal-kontijiet**

(...)

### **III – Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment ikkunsidrat il-kwistjoni tal-bażi ġuridika adegwata bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarrantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni<sup>3</sup>.

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-oġettiv segwit, iżda għandha tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura<sup>4</sup>.

Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha fini doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-fini jew il-komponent prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor huwa biss inċidentali, dik il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-fini jew il-komponent prinċipali jew predominanti<sup>5</sup>. F'każ eċċezzjonali biss, jekk ikun stabbilit li l-att isegwi b'mod simultanju għadd ta' oġettivi, marbutin b'mod li ma jistax jinfired, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, li tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti<sup>6</sup>. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli u ma jdgħajfux id-dritt tal-Parlament Ewropew<sup>7</sup>.

### **IV - L-għan u l-kontenut tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima**

Ir-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima huwa parti minn sett komplementari u interkonness ta' proposti li jiffurmaw il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 biex tinkiseb il-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-għan ewlieni u l-iskop tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima kif imressaq mill-Kummissjoni u li ma nbidilx fil-qalba tan-negozjati interistituzzjonali huwa ċar u mhux

<sup>3</sup> *Opinjoni 2/00 ("Protokoll ta' Cartagena")*, ECLI:EU:C:2001:664, par.5.

<sup>4</sup> *Kawża C-300/89, il-Kummissjoni vs il-Kunsill ("Diossidu tat-titanju")*, ECLI:EU:C:1991:244, il-paragrafu 10.

<sup>5</sup> *Ibid.* il-paragrafu 30 u l-Kawża C-137/12, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2013:675, il-paragrafu 53 u l-ġurisprudenza ċitata.

<sup>6</sup> *Il-Kawża C-300/89*, il-paragrafi 13 u 17; *il-Kawża C-42/97, il-Parlament vs il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1999:81, il-paragrafu 38; *Opinjoni 2/00*, il-paragrafu 23; *il-Kawża C-94/03, il-Kummissjoni vs il-Kunsill ("il-Konvenzjoni ta' Rotterdam")*, ECLI:EU:C:2006:2 u l-Kawża C-178/03, *il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*, ECLI:EU:C:2006:4, il-paragrafi 36 u 43.

<sup>7</sup> *Il-Kawża C-300/89*, il-paragrafi 17 sa 25; *Il-Kawża C-268/94, Il-Portugall vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1996:461.

ikkontestat: l-istabbiliment ta' Fond Soċjali għall-Klima għall-perjodu mill-2026 sal-2032 biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali li jirriżultaw mill-inklużjoni tas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/37/KE dwar l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Minn naħa, iż-żieda fil-prezz għall-fjuwils fossili, minħabba l-ipprezzar tal-karbonju għal dawk iż-żewġ setturi wkoll, hija mistennija li jkollha impatti soċjali u distributtivi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli li jonfqu parti akbar mill-introjt tagħhom fuq l-enerġija u t-trasport u li, f'ċerti reġjuni, ma għandhomx aċċess għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà u trasport alternattivi u affordabbli. Barra minn hekk, tali impatti fuq gruppi vulnerabbli jvarjaw bejn l-Istati Membri, u l-impatti fuq il-prezzijiet x'aktarx jinħassu b'mod aktar qawwi fl-Istati Membri, ir-reġjuni u l-popolazzjoni b'introjt medju aktar baxx. Min-naħa l-oħra, bħala konsegwenza għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwil permezz tal-ipprezzar tal-karbonju, l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jiġġenera dħul, li jista' jintuża biex itaffi l-piż fuq il-gruppi vulnerabbli. Il-pakkett finanzjarju tal-Fond Soċjali għall-Klima, fil-prinċipju, jikkorrispondi għal 25 % tad-dħul mistenni li jiġi akkumulat mill-irkant ta' kwoti fi ħdan l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq.

Il-Kummissjoni bbażat ir-Regolament propost tal-Fond Soċjali għall-Klima fuq l-Artikolu 91 (Titolu VI dwar "It-Trasport"), l-Artikolu 192(1) (Titolu XX dwar "Ambjent") u l-Artikolu 194(1)(c) (Titolu XXI dwar "Enerġija") tat-Tielet Parti tat-TFUE. Bħall-għan u l-iskop ewlieni tar-Regolament propost tal-Fond Soċjali għall-Klima, dawk il-bażijiet ġuridiċi inizjali la ġew ikkontestati mill-Parlament fil-mandat tiegħu u lanqas mill-Kunsill fl-approċċ ġenerali tiegħu. Għalhekk jidher li mhux meħtieġ li wieħed jidħol aktar fil-fond fl-għan u l-kontenut tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima biex tiġi aċċertata r-rilevanza tal-bażijiet ġuridiċi inizjali. Madankollu, ta' min jinnota li jidher li hemm żball klerikali f'waħda mill-bażijiet ġuridiċi msemmija li se tiġi indirizzata fil-qosor taħt il-punt V hawn taħt.

Fl-approċċ ġenerali tiegħu, il-Kunsill madankollu żied referenza għall-Artikolu 322(1), bħala bażi ġuridika oħra, bl-argument li dan kien meħtieġ "*sabiex tkun tista' ssir deroga mill-Artikolu 22(2) tat-Titolu II tar-Regolament Finanzjarju, rikjesta mill-użu ta' dħul assenjat estern għal dan il-Fond*". Din iż-żieda mal-bażijiet ġuridiċi inizjali ġiet miftiehma b'mod proviżorju matul in-negożjati interistituzzjonali f'Diċembru 2022.

L-Artikolu 322(1) jipprovdi bażi ġuridika għal (a) regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet, u (b) regoli li jipprovdu għal kontrolli fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji, b'mod partikolari l-uffiċjali awtorizzanti u l-uffiċjali tal-kontabilità.

Fir-rigward tar-regoli finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2018/1046<sup>8</sup> dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ir- "Regolament Finanzjarju") japplika, fil-prinċipju, għar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima. Madankollu, matul in-

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

negozjati interistituzzjonali diversi derogi mir-Regolament Finanzjarju ġew maqbula jew introdotti fit-test maqbul proviżorjament. Għalhekk qamet il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 322 tat-TFUE jiżdiedx bħala bażi ġuridika addizzjonali. Il-kontenut tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima għandu għalhekk jiġi eżaminat minn dik il-perspettiva.

Mill-bidu, ir-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima inkluda deroga mill-Artikolu 116 tar-Regolament Finanzjarju dwar il-limiti ta' żmien għall-pagamenti peress li, kif spjegat fil-premessa 26: "*jenħtieġ li l-ħlasijiet isiru abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-iżborż lill-Istat Membru kkonċernat*"; għalhekk "*kien meħtieġ li ssir deroga mill-Artikolu 116(2) [tar-Regolament Finanzjarju], sabiex l-iskadenza għall-ħlas tkun tista' tibda mid-data tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istat Membru kkonċernat ta' dik id-deċiżjoni u mhux mid-data li fiha tasal talba għall-ħlas*". Dik id-deroga hija prevista fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima.

Matul in-negozjati interistituzzjonali ġew inklużi diversi derogi oħra mir-Regolament Finanzjarju.

Deroga oħra mill-Artikolu 116 tar-Regolament Finanzjarju ġiet inkluża fl-Artikolu 19(9) tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima, billi huwa previst li "*jekk f'ċiklu partikolari ta' talbiet għal ħlas id-dħul assenjat [lil dan il-Fond] f'konformità mal-Artikolu 30d(3a) tad-Direttiva 2003/87/KE ma jkunx biżżejjed biex ikopri t-talbiet għal ħlas sottomessi, il-Kummissjoni għandha tħallas lill-Istati Membri fuq bażi pro rata determinata bħala sehem tal-fondi disponibbli għall-ħlasijiet imqabbel mat-total ta' ħlasijiet approvati*".

Deroga oħra mir-Regolament Finanzjarju ġiet inkluża fl-Artikolu 9(1a) tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima: "*B'deroga mill-Artikolu 22(2) tar-[Regolament Finanzjarju] [...], l-appropriazzjonijiet ta' impenn li jkopru l-ammont massimu rilevanti msemmi fil-paragrafu 1 għandhom isiru disponibbli awtomatikament fil-bidu ta' kull sena finanzjarja, mill-1 ta' Jannar 2026, sal-ammonti annwali applikabbli rispettivament imsemmija fi [...]*". L-Artikolu 22(2) tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi mod ieħor li l-"*appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat isiru disponibbli awtomatikament, kemm bħala appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll bħala appropriazzjonijiet ta' pagament, meta d-dħul jiġi riċevut mill-istituzzjoni tal-Unjoni*", ħliet fi tliet każijiet partikolari li ma japplikawx għall-Fond Soċjali għall-Klima. Ir-raġunijiet għal din id-deroga huma spjegati fil-premessa 23, jiġifieri "*minħabba li d-dħul assenjat estern se jkun disponibbli wara l-irkantar tal-kwoti skont [...] id-Direttiva 2003/87/KE, huwa meħtieġ li tiġi prevista deroga mill-Artikolu 22(2) tar-[Regolament Finanzjarju] biex l-Unjoni tkun tista' timpenja kull sena l-ammonti meħtieġa għall-pagamenti lill-Istati Membri li għandhom isiru f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-akkomodazzjoni tal-appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat*".

Deroga oħra mir-Regolament Finanzjarju ġiet inkluża fl-Artikolu 19(10) tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima li jidderoga mill-Artikolu 12(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Din l-aħħar dispożizzjoni tipprevedi li l-appropriazzjonijiet jiġu riportati awtomatikament għall-appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat estern. Tali appropriazzjonijiet għandhom jintużaw għalkollox sakemm l-operazzjonijiet kollha li jirrigwardaw il-programm jew l-azzjoni li jkun u ġew assenjati għalihom ikunu twettqu jew huma jkun jistgħu jiġu riportati u jintużaw għall-programm jew għall-azzjoni sussegwenti.

L-aħħar deroga ġiet inkluzja fl-Artikolu 25a tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima. Dak l-Artikolu fih emenda għar-Regolament (UE) 2021/1060<sup>9</sup> dwar dispożizzjonijiet komuni għall-implimentazzjoni tal-fondi strutturali, li jdaħħal Artikolu 26a ġdid, li jipprevedi, fost l-oħrajn, li "[b]deroga mill-Artikolu 14(3) tar-[Regolament Finanzjarju], il-limitu ta' żmien li warajh il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja l-ammonti f'konformità mal-Artikolu 105(1) għandu jibda mis-sena li fiha jsiru l-impenji baġitarji korrispondenti."

## **V – Analiżi**

L-ewwel nett għandu jiġi nnutat li l-kwistjoni indirizzata lill-Kumitat JURI mhijiex jekk dawk id-derogi mir-Regolament Finanzjarju humiex meħtieġa fil-kuntest tar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima. Pjuttost, il-kwistjoni tikkonċerna l-ħtieġa ta' bażi ġuridika addizzjonali biex jiġu pprovduti raġunijiet għad-derogi mir-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament Finanzjarju dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni sekondarja ma' dak ir-Regolament jistipula li "*dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa tal-baġit, u li jinsabu f'att bażiku, għandhom jikkonformaw mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fit-Titolu II.*" Il-paragrafu 2 ta' dak l-istess Artikolu jipprevedi li "*bla preġudizzju għall-paragrafu 1, kwalunkwe proposta jew emenda għal proposta mressqa lill-awtorità leġiżlattiva li jkun fiha derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dan [ir-Regolament Finanzjarju] minbarra dawk stabbiliti fit-Titolu II, jew mill-atti delegati adottati skont dan [ir-Regolament], għandha tindika b'mod ċar dawn id-derogi u għandha tagħti r-raġunijiet speċifiċi li jiġġustifikawhom fil-premessi u fil-memorandum ta' spjegazzjoni ta' tali proposti jew emendi.*"

Rigward iż-żewġ derogi mill-Artikolu 116 tar-Regolament Finanzjarju, ta' min jinnota li l-Artikolu 116 ma jaqax taħt it-Titolu II dwar il-prinċipji baġitarji iżda taħt it-Titolu IV dwar l-implimentazzjoni tal-baġit. F'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Finanzjarju, dawk iż-żewġ derogi huma indikati b'mod ċar u r-raġunijiet għall-inklużjoni tagħhom fir-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima huma speċifikati fil-premessi.

Is-sitwazzjoni hija differenti fir-rigward tad-derogi mill-Artikoli 12 (4)(c), 14(3) u 22(2) tar-Regolament Finanzjarju. It-tliet Artikoli kollha jaqgħu taħt it-Titolu II tar-Regolament Finanzjarju: l-Artikoli 12(4)(c) u 14(3) taħt il-Kapitolu 2 dwar il-prinċipju tal-annwalità u l-Artikolu 22(2) taħt il-Kapitolu 5 dwar il-prinċipju tal-universalità. L-uniku mod biex issir deroga mill-prinċipji baġitarji fit-Titolu II tar-Regolament Finanzjarju jkun li tiġi stabbilita *lex specialis* ibbażata fuq il-liġi primarja. Għalhekk, iż-żieda tal-Artikolu 322(1) fost il-bażijiet ġuridiċi għar-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima tidher tabilħaqq meħtieġa.

Madankollu, ir-referenza għandha tkun aktar preċiża minn dik imressqa fl-ittra mill-Kumitati EMPL u ENVI. Jiġifieri, Artikolu 322(1) jagħti s-setgħa lil-leġiżlaturi jadottaw (a) *ir-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-*

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

*kontijiet*"; u (b) *ir-regoli dwar il-kontroll tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji, u b'mod partikolari tal-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni u l-uffiċjali tal-kontijiet*". Id-derogi fir-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima jaqgħu b'mod ċar taħt il-punt (a). Konsegwentement, il-bażi ġuridika korretta tkun l-Artikolu 322(1)(a).

F'termini ta' proċedura, l-Artikolu 322(1) tat-TFUE jipprevedi l-konsultazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri bħala rekwiżit proċedurali. Din il-kundizzjoni tidher li ġiet issodisfata peress li l-Qorti tal-Awdituri tat opinjoni<sup>10</sup> dwar ir-Regolament propost għall-Fond Soċjali għall-Klima.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, għalkemm il-bażi ġuridika inizjalment magħżula mill-Kummissjoni ma kinitx ikkontestata, ta' min jinnota li l-Artikolu 194(1)(c) mhuwiex l-għażla xierqa. Għalkemm dak l-Artikolu jipprevedi li l-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija għandha "*tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli*", il-kompetenza li tadotta l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 194(1) hija fil-fatt prevista fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu. Ir-referenza għal dak l-Artikolu bħala l-bażi ġuridika għandha għalhekk tiġi kkoreġuta għal "Artikolu 194(2)".

## **VI - Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Frar 2023, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda, bi 18-il vot favur, l-ebda vot kontra u l-ebda astensjoni<sup>11</sup>, li jirrakkomanda lill-Kumitat għall-Impjegji u l-Affarijiet Soċjali u lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, l-ewwel nett, li ż-żieda tal-Artikolu 322(1) tat-TFUE bħala bażi ġuridika għar-Regolament propost li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima tidher aċċettabbli sakemm issir aktar preċiż u l-punt (a) jiżdied ma' dik ir-referenza, u t-tieni nett, li r-referenza għall-Artikolu 194(1)(c) tat-TFUE hija kkoreġuta għal "l-Artikolu 194(2)" tat-TFUE.

Dejjem tiegħek,

Is-Sur Adrián Vázquez Lázara

---

<sup>10</sup> [https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/OP22\\_08/OP\\_Social-climate-fund\\_MT.pdf](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/OP22_08/OP_Social-climate-fund_MT.pdf)

<sup>11</sup> Kienu preżenti għall-votazzjoni finali dawn li ġejjin: Adrián Vázquez Lázara (President), Sergey Lagodinsky (Viċi President), Marion Walsmann (Viċi President), Raffaele Stancanelli (Viċi President), Pascal Arimont, Gunnar Beck, Ilana Cicurel, Eider Gardiazabal (għal Tiemo Wölken skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura), Andrzej Halicki, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Nacho Sánchez Amor, Marie Toussaint, Axel Voss, Javier Zarzalejos.